MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 401/2002/1

**Joseph, Albert, Carmel, Anthony u Charles ahwa Formosa; Maria Saliba; Salvina Mifsud; u Frances Camilleri**

**vs**

**Maria Antoinette Cristina**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Mejju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-13 ta' Gunju, 2002 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-izgumbrament mill-fond 29, Triq il-Parocca gia Triq is-Sillar, Santa Venera stante li l-kirja favur il-genituri mejta tal-konvenuta Carmelo u Carmela Debono li saret skond

skrittura tad-19 ta' Marzu, 1982 annessa u mmarkata bhala Dokument "A" u dan in forza ta' l-Att XXIII ta' l-1979 wara t-terminazzjoni tal-koncessjoni emfitewtika temporanja tat-3 ta' Dicembru, 1964 in atti tan-Nutar John Tabone Adami, l-konvenuta bhala l-okkupanti tal-post mhiex protetta a tenur ta' l-Artikolu 10(b)(8) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar u ghalhekk qeda tokkupa l-fond minghajr titolu validu u legali u b'mod abbusiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali ta' l-4 ta' Gunju, 2002 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Il-valur lokatizzju tal-fond ma jeccedix il-mitejn lira Mlatin (Lm200).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni tat-talba ta' l-atturi;
2. Illi kif konfermat mill-atturi stess, l-eccipjenti ghandha titolu ta' kera u ghalhekk il-pretenzjoniji ta' l-atturi li qeghda *"tokkupa l-fond minghajr titolu validu u legali"* ma tista' qatt tregi;
3. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta ampjament mit-trattazzjoni tal-kawza, u jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi;
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza l-atturi qieghdin jitlob l-izgumbrament tal-konvenuta mill-fond numru 29, Triq il-Parrocca gia Triq is-Sillar, Santa Venera. Irrizulta li l-fond kien orginarjament moghti b'cens temporanju lil Carmelo Debono, missier il-konvenuta fit-3 ta' Dicembru, 1964 permezz ta' Att tan-Nutar John Tabone Adami. Ic-cens skada fit-3 ta'

Dicembru, 1981, Debono u l-atturi ghamlu kuntratt gdid ta' kera fid-19 ta' Marzu, 1982 in forza ta' l-Att XXIII ta' l-1979, li kien jintitola utilista li jkun cittadin Malti u li juza l-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu, jikkonverti c-cens ghal wiehed ta' kera, rivedibbli kull hmistax-il (15) sena. Peress illi Carmelo Debono u martu Carmela mietu, l-atturi qeghdin jallegaw illi llum il-konvenuta qeda tokkupa l-fond minghajr titolu, peress illi hija ma kinitx toqghod mall-genituri taghha fil-mument tal-mewt.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu, trid tiddisponi minn eccezzjoni ta' kompetenza mqajjma mill-konvenuta. Minkejja li din l-eccezzjoni ma gietx ittrattata mill-partijiet, presumibilment hija bbazata fuq sentenza moghtija mill-Appell Inferjuri fit-13 ta' Awissu, 1994 fl-ismijiet Carmelina sive Lina Camilleri vs Paul Mifsud et fejn kienet qalet fost affarijiet ohra, "… meta jirrizulta prima facie li fis-sens hawn fuq imsemmi, l-kawzali ta' bla titolu ma jkollhiex ir-rekwiziti hawn qabel imsemmija, dik il-Qorti, fuq dik il-kawzali ma jkollhiex aktar kompetenza biex tkompli bil-kawza li t-talba taghha tkun ghar-ripreza tal-pussess tal-fond u ghas-setgha ta' zgumbrament."

Din il-kawza u ohrajn simili gew citati ricentement f'hafna kawzi ta' zgumbrament. Pero' dan l-ahhar kien hemm insenjament iehor mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet Joseph Gauci vs Catherine Kerkoub deciza fl-20 ta' Ottubru, 2003 fejn il-Qorti qalet, " … Dan ma jfissirx illi kull meta tissemma l-kelma "kera" l-qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja jitilfu l-kompetenza. Jekk ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja jkun mehtieg illi qabel xejn tinghata twegiba ghall-kwistjoni ncidentali jekk il-konvenut huwiex kerrej jew le, l-Qorti ghandha wkoll is-setgha li taqta' dik il-kwistjoni incidentali. Din il-Qorti ma taqbilx illi l-interpretazzjoni tal-ligi specjali jista' jaghtiha biss it-Tribunal specjali mwaqqaf taht dik il-ligi; is-setgha ta' Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja tieqaf biss meta l-kwistjoni tkun dwar jekk sid il-kera jistax jibdel il-kondizzjonijiet tal-kiri jew jistax ma jgeddidx il-kiri favur "kerrej" meta jintemm." (Ara wkoll Mary Anderson vs Guza Jones et Inferjuri 504/02DM deciza fis-16 ta' Marzu, 2005)

Ghalhekk, din il-Qorti ser tiehu t-taghlim ta’ l-aktar kawza recenti u cioe’ dik fuq imsemmija ta’ Gauci vs Kerkoub u taqta’ l-kwistjoni ncidentali jekk il-konvenuta hijiex kerreja jew le.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-konvenuta twieldet fl-1966 fil-fond de quo u ghamlet tfulitha tghix hemhekk, izzewget fl-1989 u marret toqghod band’ohra, izda sseparat fl-1996 u marret lura fil-fond. Il-genituri taghha kienu ghadhom hajjin. Ommha mietet fil-15 ta’ Jannar, 1998 u missierha miet fil-11 ta’ April, 2000.

Fl-1997 harget mid-dar biex tmur toqghod ma’ Philip Delceppo f’Hal Tarxien, izda dan l-arrangament ma rnexxhiex u marret lura fil-fond de quo fl-1999. Illum toqghod hemhekk mat-tifla taghha. Il-konvenuta ghad ghandha kwistjonijiet il-Qorti mar-ragel u tghid illi anki meta fl-1997 harget mill-fond, dan m’ghamlitux b’mod permanenti izda biss b’mod irregolari sabiex tesplora l-possibilta’ illi tibda hajja gdida ma’ Philip Delceppo.

Dan ta’ l-ahhar xehed quddiem din il-Qorti u qal illi kellu tifla mill-konvenuta u li ghamlet xi sena tghix mieghu Hal Tarxiex, izda mhux b’mod regolari. Kienet tghin lil missierha peress illi kien pupletiku u hadet maghha Hal Tarxien il-hwejjeg ta’ kuljum, izda l-‘*bulk*’ baqa’ Santa Venera. Jaf illi kienu dahlu f’diskursati mas-sidien biex ikun hemm zieda fil-kera, liema diskursati pero’ ma hallewx il-frott taghhom.

Marija Saliba, wahda mill-atturi qalet illi wara l-mewt ta’ l-omm, il-missier mar joqghod mat-tifla l-ohra Joanne, oht il-konvenuta. Kien imur nhar ta’ Hadd biex jisma l-quddies u jerga lura ghand it-tifla, il-post kien maghluq. (Fol. 52)

Din ix-xhieda, pero’ trid tigi kkunsidrata fl-isfond ta’ dak li qalet l-istess Saliba a fol. 53 illi, “Dana nafu ghax darba iltqajt ma’ persuna illi nafha di vista, u qaltli li l-missier kien jigi darba nhar ta’ Hadd biex jisma l-quddies.”

Xehed ukoll Joseph Formosa a fol. 56 fejn xehed illi qatt ma dahal fil-fond sakemm kien ghadu haj Carmelo Debono u semma ncident illi kellu ma' Delceppo meta hu u persuna ohra marru biex jispezzjonaw il-fond, liema spezzjoni spiccat biex ma saritx.

Il-kappillan ta' Santa Venera, ir-Reverendu Patri Joseph Vella qal illi ilu jservi fil-parrocca ghal tnax-il (12) sena u jaf lil Carmelo u li Carmela Debono. Jaf ukoll illi kellhom zewgt itfal, lil kbira Maria Antoinett, il-konvenuta, u lil Joanne. Nhar ta' Hadd kienet tmur Joanne twasslu ghal quddies u meta kien imur ibierek jiftakar lil Carmelo u lil Carmela wahedhom. Illum jaf illi hemm Antoinette toqghod fil-fond flimkien ma' bintha.

Il-kappillan ma tantx jidher illi ghandu nformazzjoni dwar dak illi kien qed jigri fil-granet ta' kuljum, peress illi fl-istess xhieda (fol. 62) jghid, "Imma fil-granet l-ohra jekk kien jigi xi hadd minnhom u joqghod mieghu bil-lejl ma nafx … ma nafx jekk kienx joqghod wahdu jew le, generalment kont narah wahdu … ma nafx x'arrangamenti kienu jsiru ghall-facendi ta' kuljum."

Ikkunsidrat:

Illi kif tajjeb osserva l-avukat ta' l-atturi il-perm tal-kwistjoni kollha ddur fuq il-fatt jekk il-konvenuta kinitx toqghod mall-genituri taghha f'dan il-fond fil-mument tal-mewt taghhom, dan fl-isfond ta' l-Artikolu 2 tal-Kap. 158 tittratta dwar id-definizzjoni ta' "membri tal-familja tal-kerrej". Hawhekk, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell sede Nferjuri fil-25 ta' Frar, 1986 fl-ismijiet <u>Thomas Sammut vs Salvu u Annunzjata sive Lonza konjugi Pace</u> fejn fost affarijiet ohra nghad illi, "Il-kliem tal-ligi huma cari u univoci: il-kelma kerrej tfisser ukoll … (b) fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, (bhal dan il-kaz) dawk il-membri tal-familja tal-kerrej illi jkunu joqghodu mieghu fi zmien tal-mewt tieghu."

"Jidher mill-imsemmija kliem tal-ligi li f'kaz ta' djar ta' abitazzjoni, u meta l-kerrej ma jhallix armel jew armla, jehtieg illi jikkonkorru zewg rekwiziti biex persuna tista' tigi kkunsidrat bhala nkluza fid-definizzjoni tal-kelma kerrrej ie (1) li jkun membru tal-familja tal-kerrej u (2) li tkun toqghod mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu."

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz tal-konvenuta l-ewwel kwezit huwa sodisfatt peress illi gie ppruvat u mhux ikkontestat mill-atturi illi l-konvenuta hija membru tal-familja tal-kerrej. Fil-fatt hija membru diretta ghax tigi bintu.

Il-kontroversja tirrigwarda t-tieni kwezit, jekk kinitx toqghod mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi kif xehdet il-konvenuta, missierha l-ahhar wiehed li miet fil-11 ta' April, 2000, kien pupletiku u kien jehtieg ghajnuna. Meta l-konvenuta rritornat lura fl-1999 kien ghadu haj u kienet tiehu hsiebu. Ghamlet arrangament ma' ohta Joanne illi nhar ta' Hadd missierha jqatta gurnata ghandha biex hija tkun tista' tkompli bil-hajja taghha u tibni relazzjoni ma' Philip Delceppo. Dan huwa konformi ma' dak illi xehed il-Kappillan meta jghid illi nhar ta' Hadd jaf illi Carmelo Debono kien imur il-quddies akkompanjat mit-tifla tieghu Joanne.

Il-konvenuta qalet ukoll illi wara li t-tentattiv taghha ma' Delceppo ma rnexxiex, marret lura toqghod ma' missierha fl-1999 u baqghet fil-fond, anki waqt il-mewt tieghu.

L-atturi jghidu illi dan mhuwiex minnu u li l-post kien vojt. Pero' x-xhieda taghhom m'ghandhiex is-sodezza tax-xhieda tal-konvenuta li qeghda tixhed *first hand*, mentri l-atturi qeghdin jibbazaw hafna fuq dak illi semghu minghand hadiehor. Tant hu hekk illi l-aktar xhud importatnti ta' l-atturi, Marija Saliba, ghamlitha cara illi l-informazzjoni taghha gabitha minghand persuna illi tafha

biss di vista, fejn kienet qaltilha li l-missier kien imur fil-fond biss darba nhar ta’ Hadd biex jisma’ l-quddies.

Evidentement, il-Qorti ma tistax toqghod fuq xhieda bhal din, ghax mhux biss hija ‘detto del detto’ imma l-persuna li allegatament qed taghti l-infiormazzjoni baqghet mhux maghrufa. Il-kappillan minn naha l-ohra, hlief li jikkonferma li Carmelo Debono kien imur il-quddies akkumpanjat mit-tifla tieghu, ma jafx x’verament kien isir matul il-gurnata, peress illi fi kliemu stess ma tantx kellu kunfidenza mall-familja Debono. Jghid pero’ illi kulmeta kien imur ghat-tberik kien isir lil Carmela u lil Carmelo Debono wahedhom.

Il-Qorti pero’ ma jidhrilhiex li din xi-xhieda hija bizejjed biex tirribatti c-certezza tax-xhieda tal-konvenuta. It-tberik isir darba fis-sena, ghal hin qasir u ma jfissirx b’daqshekk illi ma jkunx hemm persuni ohra joqghodu mall-konjugi Debono dak iz-zmien, aktar u aktar meta tikkunsidra s-sahha prekarja li kienu jinsabu fiha.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li hdejn ix-xhieda nebuluza ta’ l-atturi, x-xhieda tal-konvenuta tidher aktar konkreta u l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi t-tieni kwezit ta’ l-Artikolu 2(b) tal-Kap. 158 hu llum sodisfatt u l-Qorti tista tghid illi l-konvenuta kienet toqghod ma’ missierha fi zmien il-mewt tieghu.

L-avukat ta’ l-atturi fit-trattazzjoni tieghu kkwota l-Artikolu 10(b) (8) tal-Kap. 158, fejn jghid illi dawk il-membri tal-familja li jizzewgu u johorgu mid-dar mhumiex protetti. Meta l-konvenuta zzewget fl-1989 u harget mill-fond de quo, allura f’dak il-perijodu hija ma kinitx protetta u ma kellha l-ebda titolu ghall-fond. Pero’ wara s-separazzjoni taghha u r-ritorn lura b’mod permanenti tghix mall-genituri allura f'dak il-kaz, jidhlu in vigore d-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 2(b) tal-Kap. 158 u ladarba l-kweziti gew sodisfatti, kif mitlub fil-kawza <u>Sammut vs Pace</u> fuq imsemmija, allura l-konvenuta tista’ topponi t-talba ta’ l-izgumbrament b’success u tghid illi ghandha titolu validu skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.”

Appellaw minn din id-decizjoni l-atturi bl-aggravju li jikkonsisti f’ kontestazzjoni ta’ kif, fuq il-bazi tal-fatti akkwiziti, l-ewwel Qorti rragunat, u kkonkludiet ukoll, illi l-konvenuta appellata kienet intitolata tikkontinwa fl-okkupazzjoni tal-fond, meritu tat-talba ta’ l-izgumbrament mitluba minnhom, bl-operat tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 158;

Ghall-ahjar determinazzjoni tal-materja taht ezami jinhass opportun li jigu kalendati l-fatti l-aktar saljenti estratti mill-provi:-

(1) Il-konvenuta twieldet fil-fond fl-1966 meta dan kien diga` detenut mill-genituri taghha b’ titolu ta’ enfitewsi. Ara kopja tal-kuntratt relattiv tat-3 ta’ Dicembru 1964, fol. 39;

(2) Il-perijodu enfitewtiku ta’ sbatax-il sena skada definittivament fl-1981 u, kif jirrizulta, id-direttarju u c-censwalist, permezz ta’ skrittura tad-19 ta’ Marzu 1982 (fol. 2), ftehmu fuq il-kundizzjonijiet tal-kirja li ssubentrat minflok it-titolu precedenti tac-cens bis-sahha ta’ l-Att XXXIII ta’ l-1979;

(3) Il-konvenuta zzewget fl-1989 u harget mill-fond. Hi tghid li sseparat *de facto* fl-1996 u regghet irritornat lura fid-dar tal-genituri taghha fejn baqghet tirrisjedi, hlief ghall-perijodu qasir li fih abitat Hal Tarxien fil-post ta’ Philip Delceppo li mieghu kellha relazzjoni;

(4) Omm il-konvenuta mietet fil-15 ta’ Jannar 1998 mentri missierha miet fil-11 ta’ April 2000. Ara Certifikati tal-Mewt a fol. 65 u 66 rispettivament;

Mill-fatti premessi huwa evidenti illi f' gheluq l-enfitewsi l-konvenuta kienet tirrisjedi fil-fond *de quo*. Dan ghar-raguni li hi zzewget fl-1989 u c-cens kien skada fl-1981. L-ewwel Qorti sabet ukoll, mill-apprezzament taghha tal-provi, illi din kienet hekk tirrisjedi mal-missier, gja enfitewta, fil-mument tal-mewt ta' dan. Hu proprju dan ir-ragunament li l-appellanti qeghdin issa jikkontestaw;

Irid jinghad illi biex waslet ghal din il-konkluzjoni taghha l-ewwel Qorti rragunat ukoll fuq dawk l-elementi tad-dritt li hi dehrilha li kienu applikabbli. Hi affermat, fuq is-sostenn tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, tal-25 ta' Frar 1986 in re "**Thomas Sammut -vs- Salvu Pace et**", illi, anke fil-kaz tal-konvenuta, gew sodisfatti z-zewg rekwiziti importanti. Dawk, cjoe, (i) illi hi kienet membru tal-familja tal-kerrej, u (ii) illi hi kienet toqghod mal-kerrej fiz-zmien tal-mewt tieghu;

Dwar l-ewwel element dan hu indubitat fil-kaz tal-konvenuta li hi dixxendenti diretta tal-kerrej missierha. Kwantu ghat-tieni element, u cjoe dak tar-residenza taghha mal-kerrej fi zmien tal-mewt tieghu, il-provi attendibbli donnhom jindikaw illi r-residenza tal-konvenuta mal-missier la kienet kazwali u lanqas saltwarja imma pjuttost imposta minn necessita` minhabba s-separazzjoni u biex tiehu kura ta' missierha. Mill-punto di vista ta' l-apprezzament prettament fattwali din il-Qorti ma thossx li jezisti motiv gravi biex tiddipartixxi mir-ragonament tal-Qorti nferjuri;

Fejn, fil-fehma taghha, zbaljat l-ewwel Qorti jirrigwarda l-aspett guridiku tal-materja. Aspett dan li jidher li sfugga ghal kollox anke lill-appellanti. Dik il-Qorti jidher li adottat ghall-kaz in ispecje d-definizzjoni li l-Kapitolu 69 jaghti lill-kelma "kerrej" fil-kaz ta' dar ta' abitazzzjoni. Definizzjoni din li s-sentenza citata mill-ewwel Qorti, ben familjari ghall-gudikant sedenti li f' dik il-kawza kien jippatrocina lill-attur, kienet qeghda hemm tikkontempla u tiddibatti. Il-kaz taht konsiderazzjoni kellu invece jigi ezaminat

eskluzivament fil-parametri tal-Kapitolu 158 li hi l-ligi li tirregola din il-kwestjoni;

Issa hu veru li d-definizzjoni tal-kelma “kerrej” taht dan l-ahhar imsemmi Kapitolu 158 hi konsimili ghat-tifsira moghtija mill-Kapitolu 69 lill-istess kelma fil-kaz ta’ dar ta’ abitazzjoni u fejn il-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel. B’ danakollu hemm distinzjoni ben markata. Manifestament, jidher bil-wisq car illi l-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-proviso ta’ l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 158. Dan il-proviso jiddisponi illi mhux bizzejjed iz-zewg rekwiziti predetti biex il-membru tal-familja tal-kerrej jircevi l-protezzjoni akkordata mill-Kapitolu 158. Dan ghaliex biex l-ulied membri tal-familja jkunu tassew intitolati ghall-harsien tal-ligi minn talba ghall-izgumbrament, huma ma jridux ikunu mizzewga avolja jkunu qed joqghodu mal-kerrej fiz-zmien tal-mewt tieghu. Incidentalment, f’ dan il-kuntest din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-hsieb tal-Qorti ta’ l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet “**Vincent Curmi *nomine* -vs- Maria Carmela Galea *et***”, 16 ta’ Mejju 1990 fejn din irriteniet illi l-kliem “li ma jkunux mizzewga” jirreferu biss ghal hu jew oht il-kerrej u mhux ghat-tfal. Mir-redazzjoni tal-proviso, korrettement intiz, dawk il-kliem jinkludu bhala proposizzjoni cara tal-ligi lill-ulied ukoll;

Din l-interpretazzjoni tal-Qorti jidher li tirrifletti l-intenzjoni tal-legislatur kif jirrizulta mid-diskussjoni ta’ l-abbozz tal-ligi fil-Parlament. Il-Ministru Guze` Cassar li kien fl-1979 qed jippilota l-ligi jghid dan bi twegiba ghall-mistoqsija dwar x’ jigri fil-kaz ta’ xebba li tkun tghix ma’ missierha u din tizzewweg:-

“Jekk tizzewweg, naturalment, sakemm il-kera ghadu favur it-tenant, jigifieri fil-persuna tal-missier, jew inkella fil-persuna ta’ ommha fl-armla, jew inkella hemm huha mhux mizzewweg jew inkella ohtha mhux mizzewga ... ... ... sakemm tibqa’ l-kontinwazzjoni ta’ tenant, skond id-definizzjoni l-gdida, hi tibqa’ hemm. Pero` ma tistax tibqa’ hemm hi fuq ir-raguni li meta xi darba kienet xebba

din, u issa zzewget. Dak spicca, dik ma tigix ikkonsidrata. Mhix inkluza fil-kelma ta' "tenant", allura tipicca." (**Ir-Raba' Parlament – L-Ewwel Sessjoni – Seduta Nru. 300, 16 ta' Lulju 1979**);

Naturalment, kif drabi ohra nghad, "ghalkemm id-dibattiti parlamentari jistghu joffru materjal ghall-valutazzjoni tal-kontenut tal-ligi, l-opinjonijiet individwali hemm moghtija ma jbiddlux il-volonta superjuri tal-Poter Legislattiv, kif espressa bil-kliem u bil-kostruzzjoni tal-ligi stess" (**Kollez. Vol. XLII P II p 835**, senjatament **pagna 839**). Kif superjorment espress din il-volonta hi sew stabbilita mill-uzu tal-grammatika adoperata fil-proviso, permezz tal-punteggjatura fejn jokkorri, l-ghazla tal-plural u l-valur semantiku ta' l-uzu lingwistiku generali;

Din l-interpretazzjoni certament ma tiggjovax lill-appellata in kwantu din, ghalkemm hu accettat illi fiz-zmien tal-gheluq tac-cens kienet ghadha xebba u tirrisjedi fil-fond in ezami, mhux l-istess jista' jinghad fic-cirkustanza tal-mewt ta' l-inkwilin missierha. Veru li kienet tirrisjedi mieghu f' dak il-mument imma, kif inghad, gjaladarba kienet mizzewga, ghalkemm separata, l-proviso surreferit jeskludiha mill-harsien tal-ligi taht il-Kapitolu 158. In vista ta' dan huwa lecitu li jinghad li din il-Qorti ma tistax legalment toqghod fuq il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti u ghalhekk din qed tigi mwarrba in kwantu ma tikkorrispondix ghall-volonta` tal-legislatur.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata. Ghal fini ta' l-izgumbrament tal-konvenuta appellata mill-fond *de quo* din il-Qorti qed tiffissa terminu perentorju ta' sitt xhur mil-lum. Fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------